TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/360/11/S

Rupert Pace
Vs
V.G. Tiles Co.Ltd.

Illum 13 ta'Lulju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rupert Pace pprezentata fil-25 t'Awwissu,2011 u r-risposta tas-socjeta konvenuta V.G.Tiles Co.Ltd. ipprezentata fis-16 ta'Frar,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attur u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-28 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda madum supplit mis-socjeta konvenuta li meta gie llustrat, partijiet minn dan il-madum sar iswed u partijiet minnu tkisser;

Illi jidher car li l-madum supplit ma kienx tal-kwalita miftehma u ghalkemm ir-risposta tas-socjeta konvenuta ikkonfermat li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim gie anki verbalizzat fis-seduta tas-26 t'April,2012, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, jirrizulta li n-nuqqas kien daparti tas-socjeta konvenuta u fil-fatt l-istess socjeta f'ebda hin ma kkontestat dak allegat mill-attur;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Rupert Pace u Jordna lis-socjeta V.G.Tiles Co.Ltd. biex fi zmien gimghatejn mill-llum, thallas lil Rupert Pace is-somma ta' €1820 permezz ta' "bank draft" u tigbor mill-indirizz 7, Triq il-Plejju, Imgarr, il-madum li ma tpoggiex

f'data u hin stabbilita mill-attur, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mis-socjeta konvenuta.

Richard Sladden Av.
Arbitru